# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Novembru 2019**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 43/2019 JVC**

**Joseph Psaila ghan-nom u in rappresentanza tal-imsiefra Dolores *sive* Maria Dolores Forrow**

**vs.**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Joseph Psaila noe kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. Illi r-rikorrenti twieldet il-Gzira, Malta fil-hamsa (5) ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija u erbgha u hamsin (1954), bint carmel Psaila u Pawla nee' Grech, hekk kif jidher mic-Certifikat tat-Twelid li jgib in-numru 6761/1954 hawn anness u mmarkat bhala Dok. B;

2. Illi fuq ic-certifikat tat-twelid taghha, ir-rikorrenti nghatat l-isem ta' 'Dolores' u l-isem 'Dolores' bhala l-isem li ghandha tkun msejjha bih;

3. Illi r-rikorrenti emigrat lejn ir-Renju Unit flimkien mal-familja taghha fit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u tnejn u sittin (1962) fejn ghadha tghix sal-gurnata ta' llum;

4. Illi r-rikorrenti fil-hajja taghha ta' kuljum tuza l-isem 'Maria' u f'kazijiet ohra 'Maria Dolores' u in fatti dan jidher konsistentement mid-dokumenti hawn annessi fosthom licenzja tas-sewqan (Dok. C), formuli tat-taxxa (Dok. D, Dok. E u Dok. F) u kotba tal-Bank (Dok. G);

5. Illi barra minn hekk, il-Passaporti Maltin mahruga lir-rikorrenti dejjem kienu mahruga bl-isem 'Maria' bhala isem ir-rikorrenti u dan hekk kif jidher mill-kopji hawn annessi bhala Dok. H u Dok. I;

6. Illi fuq ic-certifikat taz-zwieg taghha ccelebrat fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987), hawn anness bhala Dok. J, l-esponenti tinsab indikata bhala 'Maria Ballinger' (peress li kienet qabel mizzewga lil Philip Ballinger) u in fatti tinsab indikata bhala 'Maria Ballinger formerly known as Maria Dolores Teresa Rachel Ballinger';

7. Illi ghalhekk jidher car illi sa minn zghozita u cioe' sa minn meta hija marret tghix l-Ingilterra fejn stabilixxiet ruhha, hija dejjem kienet maghrufa bl-isem 'Maria' u/jew

'Maria Dolores', liema uzu dejjem kien wiehed konsistenti hekk kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

8. Illi meta hija giet biex iggedded il-passaport taghha ricentement u cioe' f'Mejju 2019, l-esponenti giet infurmata illi l-passaport ma setax jinhareg peress li precedentement kien jinhareg bl-isem 'Maria' filwaqt li hija tinsab registrata fuq ic-Certifikat tat-Twelid bhala 'Dolores';

9. Illi dan sejjer jikkawza diffikultajiet prattici u procedurali ghall-esponenti u dan b'mod evidenti peress li hija maghrufa bhala 'Maria' u/jew 'Maria Dolores', kif ukoll peress li l-istess attrici ser tkun imcahhda minn passaport Malti;

10. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex isir il-bdil fl-att tat-twelid tal-attrici;

11. Illi tali bdil ghandu jigi rifless ukoll f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-attrici;

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-attrici hija konsistentement imsejjha u hija maghrufa bhala 'Maria Dolores';

2. Tordna lill-konvenut jikkoregi 'fuq imsemmi Att tat-Twelid bin-numru 6761 tas-sena 1954 sabiex fil-kolonna 'Ismijiet moghtijin' jidher l-isem 'Maria Dolores' minflok l-isem 'Dolores' kif ukoll fil-kolonna 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha' jidher l-isem 'Maria Dolores minflok l-isem 'Dolores', u li din il-korrezzjoni tieghu effett ukoll fuq id-dokumentazzjoni l-ohra civili tal-identita' tal-attrici;

3. Tordna illi dan il-bdil fl-Att tat-Twelid tal-attrici jigi rifless ukoll f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-attrici a tenur tal-Artikolu 253(3) tal-Kapitolu XVI tal-Ligijiet ta' Malta u li l-konvenut jaghmel il-modifiki opportuni;

Bl-ispejjez kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li huwa minn issa ngunt biex jidher in subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi preliminarjament, a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;

2. Illi inoltre preliminarjament l-esponenti mhux il-legittimu kontradittur f'din il-kawza stante ic-certifikat tat-twelid li fih qed tintalab korrezzjoni huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u mhux f'ta' Ghawdex;

3. Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taht l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta m'hijiex xi mizura ordinarja li hija miftuha ghall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Ghal kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija mizura straordinarja ghal skopijiet pubblici intiza esklussivament biex telimina mill-imhuh tan-nies kull possibilita' ta' konfuzjoni u dizordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizazzjoni gudizzjali ta' bidla fl-isem m'ghandhiex tigi koncessa ghaliex ir-rikorrenti sempliciment tixtieq tbiddel isimha, izda tali awtorizazzjoni ghandha tinghata biss jekk jirrizulta li din mehtiega assolutament ghall-esigenza pubblika;

4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti m'huwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat u fid-dokumenti hemm mehmuza;

5. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti tal-esponenti, u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

   Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Ivverifikat li l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tad-Direttur intimat gew sorvolati fil-mori.

Rat partikolarment l-affidavit ta' Maria Forrow.

Fehmet illi t-talba tal-attrici hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant din il-Qorti tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-attrici hija konsistentement imsejjha u hija maghrufa bhala 'Maria Dolores';

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-konvenut jikkoregi 'l fuq imsemmi att tat-twelid bin-numru 6761 tas-sena 1954 sabiex fil-kolonna 'Ismijiet moghtija' jidher l-isem 'Maria Dolores' minflok l-isem 'Dolores' u kif ukoll fil-kolonna 'Isem jew

ismijiet li bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha jidher l-isem 'Maria Dolores' minflok l-isem 'Dolores' u li din il-korrezzjoni tiehu effett ukoll fuq id-dokumentazzjoni l-ohra civili tal-identita' tal-attrici.

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li dan il-bdil fl-att tat-twelid tal-attrici jigi rifless ukoll f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-attrici a tenur tal-Artikolu 253 (3) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u li l-konvenut jaghmel il-modifiki opportuni.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**19 ta' Novembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**19 ta' Novembru 2019**